MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 987/2006

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Roberto Bruno (I.D. 501881M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta’ Novembru 2006, fejn intalab li l-konvenut jigu kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm142.41) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess socjeta` attrici ipprezentata fl-14 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal mija u sbatax Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm117.41).

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-19 ta' Ottubru 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sbatax Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm117.41), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------